MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1645/2005

**Malta Freeport Terminals Limited**

**Vs**

**Valley Gardens Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' sebgha mija erbgha u erbghin lira Maltija (Lm744) rapprezentanti import ta' cheque bankarju mhux onorat, b'l-imghaxx mid-data tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju 2005 u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikata b'l-avviz fis-17 ta' Awissu 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sebgha mija erbgha u erbghin lira Maltija (Lm744) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mtluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------